## SANGRE Y ARENA

*Fis-swali tal-palazzi kbar ta' Ruma*
*Intfew id-dwal tal-linef u l-fanali,*
*Waqaf iż-żfin tan-nisa sbieħ, mibruma,*
*Ma baqa' xejn mill-għors tal-Bakkanali!*

*U dbiel il-ward quddiem ix-xbieha żienja*
*Ta' Venus l-alla ħatja ta' l-imħabba.*
*Spiċċa l-għajat bla lġiem ta' l-irġiel hienja*
*Mitlufa f'sakra ta' tbahrid li jtabba'.*

*Issa tinstama' karba. F'nofs l-arena*
*Fl-Anfitejatru kbir tal-Belt kburija,*
*Martri ta' Kristu qed imut — il-hena*
*Tinqara fuq għajnejh bla dell ta' ħtija—*

*U minn ġol-grieħi għal fuq l-art ramlija,*
*Niżlin jikwu daqs xrar il-qtar tad-dmija.*

31-v-51. P. Marianus Vella O.F.M.

## ~~LURA LEJN MALTA~~

~~*U dur u dur wasalna minn fejn tlaqna;*~~
~~*kollox bħalma kien qabel jerġa' jsir;*~~
~~*U min fuq l-Alpi wisq ħieles iġġerra,*~~
~~*Tax-xogħol u sħabu jerġa' jaqa' lsir.*~~

~~*Iżda minn moħħu xejn ma jista' jneħħi*~~
~~*It-tifkiriet ta' dak li raw għajnejh*~~
~~*U jekk irid, f'xi siegħa ta' tbatija,*~~
~~*Jista' l-ġmiel li ra isejjaħ ħdejh;*~~

~~*U jerġa' jara il-muntanji għolja,*~~
~~*Ix-xmajjar jerġa' jisma' fil-widien,*~~
~~*Il-ħdura, ix-xemx, is-silġ, il-baħar ikħal,*~~
~~*U bliet u rħula sbejħa kullimkien.*~~

~~*Għalhekk min jerġa' jidħol lejn id-dar*~~
~~*Qatt m'huwa l-istess bniedem li jkun mar.*~~

~~1951.~~ ~~E. Agius.~~

UNIVE